

Twegġibiet għall-mistoqsijiet addizzjonali bil-miktub – Olivér Várhelyi

Mistoqsija 1

Bl-azzjonijiet tiegħek kif se tippromwovi d-drittijiet tan-nisa? X'passi konkreti se tiegħu biex tippromwovi aktar l-aċċess u l-forniment ta' kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva u biex ittejjeb is-sitwazzjoni tas-saħħa tan-nisa u tiżgura li l-politiki tas-saħħa tal-Unjoni jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kura tas-saħħa? Il-Parlament Ewropew jappoġġja l-aċċess għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva fl-Istati Membri kollha. Matul is-seduta ta' smiġħ ta' konferenza tiegħek, irreferejt għal limitazzjonijiet fis-setgħat tal-UE, madankollu, il-politiki tal-UE jistgħu jappoġġjaw l-aċċess għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva. Se taħdem b'mod attiv biex ittejjeb u taġġorna d-Direttiva dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali biex tiżgura li n-nies fl-Istati Membri li m'għandhom l-ebda kura tas-saħħa riproduttiva jew li m'għandhomx kura tas-saħħa riproduttiva adegwata jirċevuha b'mod sikur u kunfidenzjali fi Stat Membru ieħor?

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju għas-Saħħa u l-Benessri tal-Animali, se nipromwovi d-drittijiet tan-nisa fix-xogħol kollu tiegħi. Fl-Unjoni Ewropea, kull persuna, inkluża kull mara, għandu jkollha aċċess għall-kura tas-saħħa ta' kwalità.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se naħdem mal-Kummissarju għall-Ugwaljanza biex nindirizza d-diskriminazzjoni u ntejjeb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kura tas-saħħa, fil-promozzjoni tas-saħħa, u fit-tħejjija għall-kriżijiet tas-saħħa. Se nimmira li nagħmel dan b'diversi modi. Pereżempju, se niżgura li l-Programm l-UE għas-Saħħa jkompli jkun kruċjali fil-ġlieda kontra l-inugwaljanzi fil-prevenzjoni tal-mard, fit-tħejjija għall-kriżijiet u fil-provvista tal-kura tas-saħħa. Ir-Reġistru Ewropew tal-Inugwaljanzi b'rabta mal-Kanċer, inizjattiva ewlenija fl-ambitu tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, irid ikompli jiddokumenta l-inugwaljanzi relatati ma' diversi determinanti, inkluż il-ġeneru, u dan se nipprova nespandih, pereżempju għall-mard kardjovaskulari. Il-kriżijiet tas-saħħa għandhom dimensjoni tal-ugwaljanza ċara, u għalhekk il-miżuri ta' tħejjija u ta' rispons iridu jqisuha wkoll din.

Waħda mill-inizjattivi tal-bidu importanti għall-Kulleġġ il-ġdid, stabbilita fil-Linji Gwida Politiċi u żviluppata wkoll mill-Kummissarju nnominat Lāhbi matul is-seduta ta' smiġħ tagħha, se tkun il-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa li għandu jiġi propost għall-Jum Internazzjonali tan-Nisa li jmiss. Se nikkontribwixxi għal din il-ħidma u se naħdem mal-kollegi tiegħi biex ninkludi dimensjoni tas-saħħa b'saħħitha.

Is-saħħa sesswali u riproduttiva għandha rwol ewlieni fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u fid-drittijiet tan-nisa. Għalhekk, jekk niġi kkonfermat, se naħdem mal-Kummissarju għall-Ugwaljanza dwar l-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għal wara l-2025 dwar kwistjonijiet relatati mas-saħħa, inkluża s-saħħa sesswali u riproduttiva. Se naħdem ukoll biex niżgura li l-istandards imsaħħa tal-kwalità u tas-sikurezza stabbiliti fir-Regolament dwar is-Sustanzi ta' Orġini Umana jiġu implimentati u applikati bis-siġħ għal kulħadd fl-UE kollha.

Fl-istess ħin, se naħdem biex niżgura l-implimentazzjoni siġħa tad-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali, biex nipromwovi l-aċċess transfruntier għas-servizzi tal-kura tas-saħħa madwar l-UE. L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fl-2022 uriet li għad hemm ostakli għall-aċċess għall-kura tas-saħħa bejn il-fruntieri, l-aktar minħabba kif ġiet implimentata d-Direttiva. Se nkompli l-ħidma tal-Kummissjoni biex

jitneħħew l-ostakli għall-implimentazzjoni, pereżempju permezz tad-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa. Biex intejbu l-konformità mad-Direttiva, se nintensifika d-djalogu mal-Istati Membri, sabiex ikun jista' jiġi diskuss it-tħassib u jinstabu s-soluzzjonijiet. Billi timmassimizza l-potenzjal tad-Direttiva u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-UE se tkun tista' tieħu pass ieħor lejn l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa u lejn l-iżgurar li d-drittijiet tan-nisa jiġu rispettati.

F'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-organizzazzjoni u l-għoti tal-kura tas-saħħa u tas-servizzi mediċi huma kompetenza tal-Istati Membri. Madankollu, l-UE tista' tieħu azzjoni biex tikkomplementa l-politiki nazzjonali. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni tappoġġa bil-qawwa l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti rilevanti għas-saħħa tan-nisa – l-aċċess universali għall-kura sesswali u riproduttiva, l-ippjanar tal-familja u l-edukazzjoni. Il-ħidma tal-Kummissjoni tikkomplementa l-politiki nazzjonali, tħeġġeġ il-kooperazzjoni, tappoġġa lill-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-politiki tas-saħħa tagħhom u tiffaċilita l-iskambju tal-prattiki tajba, inkluż permezz tal-Grupp ta' Tmexxija dwar il-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u l-ġestjoni tal-mard mhux komunikabbli.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nappoġġa l-ħidma tal-Kummissarju għall-Ugwaljanza fil-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa, inkluż fir-rigward tal-aċċess tagħhom għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva irrispettivament minn fejn jgħixu fl-UE.

Mistoqsija 2

Kif se tippromwovi l-użu tal-vaċċini approvati mill-EMA u kif se tiġġieled l-eżitazzjoni għat-tilqim u d-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni relatati fl-Istati Membri kollha, inkluż fl-Istat Membru tiegħek? Kif se taħdem biex tiżgura li l-użu tal-“lakuni” ma jikkompromettix is-sistema tal-Unjoni għal approvazzjoni sikura u effettiva tal-vaċċini? Fit-tweġiba tiegħek b’rabta mat-traġedja fi Spanja, il-Membri fehmu li l-HERA diġà għandha riżervi ta’ vaċċini għat-tetnu u għad-dengue lesti għall-użu. Tista’ tikkonferma li dan huwa l-każ?

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju għas-Saħħa u l-Benessri tal-Annimali, se nkun promotur qawwi u vokali għall-benefiċċji tal-vaċċini għas-saħħa pubblika. Kif semmejt matul is-seduta ta’ smiġh tiegħi, aktar minn 1.7 miljun ħajja ġew salvati fl-UE matul il-pandemija bis-saħħa tal-vaċċini kontra l-COVID-19. U dan ma jikkunsidrax il-miljuni ta’ ħajjiet oħrajn salvati kull sena mill-vaċċini kontra mard fatali ieħor, bħall-ħosba, il-poljo u s-sogħla konvulsiva. Fl-Ewropa, il-vaċċini jgħaddu minn valutazzjoni xjentifika bir-reqqa ħafna qabel ma jiġu awtorizzati. Il-persuni li jirċievu vaċċini awtorizzati mill-Kummissjoni jistgħu jserrġu rashom li huma sikuri u effettivi. Se naħdem mill-qrib ħafna mal-EMA u mal-awtoritajiet nazzjonali biex intejjeb il-fiduċja pubblika fil-vaċċini, inkluż billi niżgura trasparenza sħiħa għall-awtorizzazzjonijiet il-ġodda u għall-proċessi ta’ monitoraġġ ta’ wara l-awtorizzazzjoni.

Il-mediċini kollha awtorizzati mill-Kummissjoni, inklużi l-vaċċini kontra l-COVID-19, huma bbażati fuq proċess ta’ valutazzjoni robust mill-EMA. Is-sistema tal-farmakoviġilanza tal-UE hija waħda mill-aktar avvanzati fid-dinja. Is-sistema ġiet imsaħħa matul il-pandemija tal-COVID-19, b’titjib tal-monitoraġġ tal-vaċċini fil-prattika.

F’emerġenza tas-saħħa pubblika, iridu jiġu żviluppanti l-mediċini u l-vaċċini sikuri u effettivi u jridu jsiru disponibbli madwar l-UE malajr kemm jista’ jkun. L-UE diġà għandha miżuri biex tiffaċilita, tappoġġa u tħaffef l-iżvilupp u l-għoti tal-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni għal trattamenti u vaċċini sikuri u effettivi. Il-leġiżlazzjoni farmaċewtika tippermetti lill-Istati Membri joħorġu awtorizzazzjonijiet għall-użu ta’ emerġenza fil-livell nazzjonali, kif kien il-każ matul il-pandemija tal-COVID-19. Skont ir-riforma farmaċewtika proposta, hemm il-possibbiltà li jingħataw awtorizzazzjonijiet temporanji ta’ emerġenza għall-kummerċjalizzazzjoni aktar rapidi fil-livell tal-UE biex jiġu indirizzati l-emerġenzi tas-saħħa pubblika abbażi ta’ valutazzjoni robusta mill-EMA, b’tali mod li jippermetti approċċ koordinat tal-UE f’sitwazzjonijiet bħal dawn. Jekk niġi kkonfermat, se naħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex niżgura li din il-possibbiltà ssir realtà bħala parti mir-riforma tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju għas-Saħħa u l-Benessri tal-Annimali, il-protezzjoni taċ-ċittadini Ewropej mill-effetti dannużi tad-diżinformazzjoni se tkun prijorità ewlenija għaliha, inkluż fil-qasam tas-saħħa pubblika. Se naħdem flimkien mal-kollegi tiegħi fil-Kulleġġ, biex nuża l-qafas b’saħħtu diġà fis-seħħ, inkluż il-Pjan ta’ Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, il-Kodiċi ta’ Prattika dwar id-Diżinformazzjoni msaħħa, biex nindirizza d-diżinformazzjoni fil-pjattaformi online kbar u fil-magni tat-tiftix, u biex nappoġġa l-iżvilupp ulterjuri tiegħu permezz tat-Tarka għad-Demokrazija. Il-monitoraġġ u s-sorveljanza tad-diżinformazzjoni se jiġu intensifikati wkoll, f’kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-organizzazzjonijiet

internazzjonali. Biex tiġġieled kontra d-diżinformazzjoni dannuża dwar it-tilqim, il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi liċ-ċittadini informazzjoni affidabbli u bbażata fuq l-evidenza, li tintegra r-rakkomandazzjonijiet mir-rapport reċenti kkummissjonat mill-Kumitat SANT dwar it-tnaqqis tal-impatt tad-diżinformazzjoni fuq is-saħħa tal-Ewropej. Se naħdem mill-qrib mal-ECDC, li jwettaq ħidma siewja biex iżid is-sensibilizzazzjoni tal-programmi ta' tilqim u biex jindirizza l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni relatati, u li jien nappoġġa bis-sħiħ. Se naħdem ukoll mal-fornituri tal-kura tas-saħħa u ma' organizzazzjonijiet affidabbli oħra biex namplifikaw il-messaġġi tagħna u biex inħeġġeġ liċ-ċittadini jieħdu deċiżjonijiet dwar it-tilqim abbażi ta' informazzjoni xjentifika affidabbli.

Iżda l-ġlieda kontra l-eżitazzjoni għat-tilqim mhijiex biżżejjed. Jekk niġi kkonfermat, se nappoġġa wkoll il-miżuri biex jiġi żgurat l-aċċess għat-tilqim u biex ħadd ma jitħalla barra. Il-Kummissjoni qed tiffinanzja proġett kbir fl-ambitu tal-programm l-UE għas-Saħħa, intitolat Negħlbu l-Ostakli għat-Tilqim, li qed jittestja l-prattiki tajbin biex jindirizza l-ostakli strutturali għat-tilqim.

Il-Kummissjoni hija lesta li tappoġġa lil Spanja wara l-għargħar terribbli li seħħ f'Valenzja u fir-reġjuni tal-madwar. Il-Kummissjoni diġà attivat is-sistema satellitari Copernicus tagħha biex tgħin fil-koordinazzjoni tat-timijiet tas-salvataġġ u offriet li tattiva l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, hekk kif tasal talba mill-awtoritajiet nazzjonali Spanjoli. Nista' nikkonferma li, jekk Spanja teħtieġ assistenza, il-Kummissjoni tista' tgħin lill-awtoritajiet Spanjoli jaċċessaw provvista ta' kontromiżuri mediċi b'rispons għaż-żieda ta' mard infettiv li jirriżulta mill-għargħar. Ir-riżervi fil-livell tal-UE fihom il-vaċċini kontra t-tetnu u kontromiżuri mediċi rilevanti oħra.

Mistoqsija 3

Xi miri fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-azzjonijiet tal-UE għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi f'approċċ "Saħħa Waħda" jidhru li mhumiex se jintlaħqu. Kif se taħdem biex tibdel ir-ritmu favur dawn il-miri, inkluż permezz tal-kollaborazzjoni mal-Istati Membri dwar azzjonijiet fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom, filwaqt li tiegħu miżuri ulterjuri biex tippromwovi l-użu prudenti u politika tal-użu tajjeb tal-antimikrobiċi? Il-Parlament iqis li hija meħtieġa azzjoni b'mod urġenti u mhuwiex biżżejjed li sempliċiment jiġi mmonitorjat il-progress tal-Istati Membri sal-2027. Se tqis azzjonijiet leġislattivi ulterjuri qabel l-2027 u kif se timmonitorja li l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jkunu akkumpanjati minn finanzjament biżżejjed biex jintlaħqu l-miri tal-2030? L-UE, kumplessivament, tidher li miexja sew għal dak li għandu x'jaqsam mat-tnaqqis sinifikanti tal-konsum tal-antimikrobiċi fl-annimali, b'mod partikolari bis-saħħa tal-isforzi tal-bdiewa tal-UE. Madankollu, meta jitqiesu l-punti tat-tluq differenti tal-Istati Membri, kif tiżgura li l-marġnijiet tat-tnaqqis eżistenti f'uħud mill-Istati Membri jirriflettu tnaqqis reali fil-bejgħ u fl-użu ta' antimikrobiċi veterinarji? Barra minn hekk kif ittejjeb il-monitoraġġ mill-Istati Membri tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u tal-konsum tal-antimikrobiċi? Kif ittejjeb l-armonizzazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali biex tindirizza r-reżistenza għall-antimikrobiċi? Meta jitqies kemm huma serji l-isfidi involuti, kif issaħħaħ il-kontrolli rilevanti fuq l-importazzjoni u tiżgura implimentazzjoni aktar armonizzata fl-UE kollha?

Nintrabat li nżid il-ħidma li għaddejja fil-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi. Jien nemmen li l-għan tal-UE li tnaqqas l-użu tal-antimikrobiċi sal-2030 jista' jintlaħaq, anke jekk l-Istati Membri jinsabu fi stadji differenti u kull wieħed minnhom adotta miri li jirriflettu l-livelli tal-użu attwali tagħhom. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju għas-Saħħa u l-Benessri tal-Annimali, se naħdem ħafna biex nilħaq l-għan ambizzjuż tagħna permezz ta' kooperazzjoni b'saħħitha, monitoraġġ immirat u responsabbiltà ċara.

Jekk niġi kkonfermat, se nkompli nappoġġa l-użu ta' firxa ta' strumenti biex nappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri. L-Azzjoni Konġunta dwar ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi u l-Infjezzjonijiet Assoċjati mal-Kura tas-Saħħa, li tnediet fi Frar ta' din is-sena, diġà qed tappoġġa l-isforzi nazzjonali billi tipprovdi aktar minn EUR 60 miljun f'finanzjament.

L-ECDC iwettaq monitoraġġ tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u tal-użu tal-antimikrobiċi madwar l-UE kull sena. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri permezz tan-Network Saħħa Waħda dwar l-AMR, li jiltaqa' darbtejn fis-sena. Nemmen li l-istrateġiji nazzjonali għandhom jiġu kkoordinati fi ħdan qafas koeżiv għall-UE kollha b'tali mod li jiġi żgurat progress konsistenti kif ukoll flessibilità għall-adattament lokali.

Fejn il-miri tal-AMR għadhom ma ntaħqux, il-Kummissjoni se żżid l-appoġġ immirat għall-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri, speċjalment f'oqsma bħall-prevenzjoni u l-kontroll tal-infjezzjonijiet, l-użu prudenti tal-antimikrobiċi u l-politika tal-użu tajjeb tal-antimikrobiċi. Fejn meħtieġ, se naħdem fuq rakkomandazzjonijiet għal aktar azzjoni f'konformità mar-Regolament dwar it-Theddid Transfruntier Serju għas-Saħħa. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nimmonitorja mill-qrib il-progress, billi nuża l-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni biex ngħin l-Istati Membri jilħqu l-miri tagħhom,

Nemmen li l-għan ambizzjuż tal-UE li tnaqqas bin-nofs il-bejgħ globali tal-antimikrobiċi għall-annimali mrobbija fl-irziezet u fl-akkwakultura sal-2030 jista' jintlaħaq u se naħdem biex dak l-għan jintlaħaq. Diġà nkiseb tnaqqis ta' kważi 30 % fil-bejgħ.

Ir-Regolament dwar il-mediċini veterinarji jistabbilixxi firxa wiesgħa ta' miżuri komplementari biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-antimikrobiċi fl-annimali. Se nappoġġa l-implimentazzjoni tiegħu biex niżgura li kull Stat Membru jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-bejgħ totali. Se nintensifika l-awditi tal-Kummissjoni, peress li jiżguraw li r-regoli dwar l-użu tal-antimikrobiċi fl-annimali jiġu infurzati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

F'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-2023 dwar l-azzjoni tal-UE fil-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi, se naħdem fuq miżuri biex jittejbu s-saħħa u l-benessri tal-annimali li jipproduċu l-ikel b'tali mod li jonqsu l-okkorrenza u t-tixrid tal-mard infettiv fil-biedja u konsegwentement tonqos il-ħtieġa għall-użu tal-antimikrobiċi.

Se nkompli l-ħidma tal-Kummissjoni biex tiġi żgurata *data* preċiża u armonizzata, li tippermetti l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni u tax-xejriet, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. Kull sena, l-Istati Membri huma obbligati jiġbru u jirrapportaw id-*data* dwar il-bejgħ u l-użu tal-antimikrobiċi għal kull speċi ta' animal. Il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri biex jgħammru s-sistemi tal-IT tagħhom għal dan il-ġbir tad-*data*. Jien se nuża din id-*data* biex ninforma l-azzjonijiet futuri. Il-Kummissjoni tiffinanzja wkoll programmi ta' taħriġ għall-uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali involuti f'attivitajiet relatati mal-użu korrett tal-antimikrobiċi u r-reżistenza relatata fis-setturi veterinarji/tal-ikel, kif ukoll għall-bdiewa u l-veterinarji li jaħdmu mal-annimali li jipproduċu l-ikel dwar l-obbligi legali tagħhom u dwar kif jistgħu jkomplu jnaqqsu l-użu tal-antimikrobiċi.

Se niżgura wkoll li r-regoli dwar l-importazzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE jikkontribwixxu għal tnaqqis fl-użu tal-antimikrobiċi fl-annimali. Skont il-qafas regolatorju attwali, il-pajjiżi mhux membri tal-UE li jixtiequ jesportaw annimali u prodotti tal-annimali lejn l-UE jridu jirrispettaw ir-regoli tagħna li ma jużawx l-antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir jew l-antimikrobiċi li fl-UE huma riżervati għat-trattament tal-infezzjonijiet tal-bniedem, għal dawk l-annimali u l-prodotti tal-annimali. Huma biss dawk il-pajjiżi li wrew li jikkonformaw mar-regoli tal-UE, li huma "elenkati" bħala awtorizzati li jesportaw lejn l-UE. Se niżgura li l-awditi tal-Kummissjoni f'pajjiżi mhux membri tal-UE jissoktaw biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti tal-importazzjoni tal-UE.

Mistoqsija 4

Kif se tiżgura li timplimenta sistema komprensiva obligatorja ta' tikkettar u traċċabbiltà tal-ikel li tikkonsolida d-diversi skemi volontarji eżistenti (aspetti sostenibbli u etiċi) f'qafas uniku, ċar, mingħajr piżijiet addizzjonali li jżidu l-prezzijiet għall-konsumaturi? Kif biħsiebek tappoġġja l-kunsens bejn l-Istati Membri dwar din il-kwistjoni? Tinsab impenjat biex tistabilixxi tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett biex jiġu promossi għażliet favur is-saħħa? Barra minn hekk, tali sistema kif se tiżgura li l-konsumaturi jkunu infurmati bis-sħiħ permezz tal-informazzjoni dwar l-orijini estiża jew il-provenjenza fuq il-prodotti tal-ikel kollha, biex b'hekk tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur, titnaqqas il-ħela tal-ikel, u jiġu appoġġjati Prattiki sostenibbli?

Ir-Regolament dwar l-għoti tal-Infurmazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi (FIC) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa l-bażi għall-garanzija ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-ikel. Dan jistabilixxi r-regoli dwar l-għoti ta' informazzjoni obligatorja dwar l-ikel u dwar ir-rekwiżiti li l-operaturi tan-negozji tal-ikel jeħtieġ li jirrispettaw meta jipprovdu informazzjoni volontarja dwar l-ikel. L-informazzjoni m'għandhiex tkun qarrieqa u trid tkun, fejn xieraq, ibbażata fuq *data* xjentifika rilevanti.

Il-proposta ta' "Asserzjonijiet Ambjentali" mill-Kummissjoni tipprovdi ċarezza dwar l-aspetti tas-sostenibbiltà ambjentali. Din il-proposta, li qed tiġi nneozjata bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, tinvolvi fost l-oħrajn rekwiżiti speċifiċi biex jiġi żgurat li l-valutazzjoni li fuqha tkun ibbażata asserzjoni jew tikketta ambjentali tkun robusta u xjentifikament soda.

It-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq quddiem tal-pakkett huwa wieħed mill-ħafna għodod użati biex il-konsumaturi jiġu infurmati dwar il-kontenut nutrizzjonali tal-ikel.

Se naħdem mal-partijiet ikkonċernati kollha biex nipprovdi s-soluzzjonijiet biex isir iktar faċli li wieħed jagħmel għażliet tajbin għas-saħħa fir-rigward tal-ikel. Jekk niġi kkonfermat, bħala l-ewwel pass, se ninvolvi ruħi mal-partijiet ikkonċernati kollha dwar approċċ komprensiv li jindirizza kwistjonijiet li jinkludu r-riformulazzjoni tal-ikel, l-informazzjoni dwar l-ikel, u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ikel mhux tajjeb għas-saħħa. Se nidentifika oqsma fejn jista' jkun li l-Istati Membri jeħtieġu appoġġ finanzjarju addizzjonali, abbażi tal-ħidma tal-Azzjoni Konġunta li għaddejjja bħalissa dwar il-Prevenzjoni ta' Mard Mhux Komunikabbli. Peress li l-kampanji ta' komunikazzjoni fil-livell nazzjonali jistgħu jkollhom lill-konsumaturi fil-mira b'mod aktar effettiv, se nappoġġja aktar l-isforzi tal-Istati Membri biex itejbu l-għarfien tal-konsumaturi dwar l-informazzjoni dwar l-ikel.

Ir-Regolament dwar l-FIC jipprevedi wkoll l-indikazzjoni obligatorja tal-orijini għal ċertu ikel u l-possibbiltà biex in-negozji tal-ikel jindikaw b'mod volontarju l-orijini ta' ikel ieħor. Xi Stati Membri ħadu miżuri nazzjonali b'reazzjoni għad-domanda tal-konsumaturi. Jekk niġi kkonfermat, waħda mill-prijoritajiet tiegħi se tkun li nindirizza dawn it-talbiet tal-konsumaturi għal aktar informazzjoni dwar l-orijini tal-ikel, filwaqt li niżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

Mistoqsija 5

Ir-regoli tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali jiġu applikati b'modi pjuttost differenti fl-Istati Membri. Skontok, liema huma l-ostakli primarji li jikkontribwixxu għal dawn id-differenzi fil-livelli ta' konformità, u x'appaġġ jew azzjonijiet speċifiċi tipproponi biex tgħin lill-bdiewa jilħqu l-obbligi tagħhom b'mod aktar effettiv? Liema sfidi b'rabta mal-implimentazzjoni tidentifika fid-dispożizzjonijiet attwali? Bħala Kummissarju nnominat, kif biĥsiebek timmodernizza r-regolamenti eżistenti dwar il-benesseri tal-annimali u tivvaluta l-impatt tal-bidliet possibbli? Taħseb illi l-importazzjonijiet għandhom jiġu inklużi fi kwalunkwe leġiżlazzjoni tali? F'dan ir-rigward, kif tista' tiżgura li l-pajjiżi terzi jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-UE? U kif konkretament tissodisfa l-impenn li għamilt matul is-seduta ta' smiġħ li tiżgura approċċ bilanċjat li jkun ekonomikament vijabbli għall-bdiewa u li ma jfixkilx il-kompetittività tagħhom? Barra minn hekk, bħala Kummissarju nnominat, kif taħsibha dwar il-konklużjonijiet tal-Kumitat ANIT dwar it-trasport tal-annimali?

Fil-fehma tiegħi, l-ostakoli ewlenin għall-applikazzjoni armonizzata tal-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali huma dawn li ġejjin: ir-regoli għadda ħafna żmien minn fuqhom u spiss iwasslu għal interpretazzjonijiet differenti fost l-Istati Membri; hemm differenzi konsiderevoli fl-infurzar tal-Istati Membri kif ukoll nuqqas ta' sanzjonijiet effettivi; u l-indikaturi tal-benesseri tal-annimali ma jintużawx biżżejjed. Dawn il-fatturi huma identifikati b'mod ċar fil-kontroll tal-idoneità tal-Kummissjoni tal-2022.

Dawn l-isfidi fl-implimentazzjoni joħolqu distorsjonijiet fis-suq intern u jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet mhux ekwi u għal protezzjoni mhux uniformi tal-benesseri tal-annimali. Is-sitwazzjoni hija aggravata mill-pajsaġġ legali varjat li jirriżulta minn dispożizzjonijiet nazzjonali differenti dwar il-benesseri tal-annimali adottati f'dawn l-aħħar 20 sena.

Se niffoka fuq applikazzjoni bir-reqqa tar-regoli eżistenti. Se nintensifika l-ħidma tal-Kummissjoni biex ngħinu lill-partijiet kollha jissodisfaw l-obbligi tagħhom. S'issa, dan jinkludi attivitajiet ta' taħriġ (permezz tal-programm "Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel"), attivitajiet ta' komunikazzjoni, linji gwida tal-Kummissjoni dwar, pereżempju, il-qtuġħ tad-denb tal-ħnieżer, u proġetti pilota biex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki f'oqsma li jinkludu t-trasport, il-benesseri tal-baqar tal-ħalib u l-bidla lejn sistemi mingħajr gaġeġ għat-tiġieġ tal-bajd. Barra minn hekk, nipproponi li jiġi appoġġat l-użu usa' tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali u li l-bdiewa jingħataw aktar *data* biex jiggwidaw il-ħidma tagħhom. Jekk ikun meħtieġ, il-proċeduri tal-ksur dejjem jibqgħu għażla għall-Kummissjoni.

Nikkonferma li se nipproponi lill-Kulleġġ rieżami tal-leġiżlazzjoni dwar il-benesseri tal-annimali kif imsemmi fl-ittra tal-missjoni tiegħi. Se nimmodernizza l-istandards eżistenti tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali, u b'mod partikolari se nwettaq l-azzjoni ta' segwitu tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "End the Cage Age". L-ewwel pass tiegħi se jkun li ninvolvi ruħi f'diskussjoni ma' kulħadd ikkonċernat, inklużi l-bdiewa, biex niddiskuti s-soluzzjonijiet u l-kwistjonijiet differenti bħall-perjodi ta' tranżizzjoni u l-appoġġ finanzjarju. Se nqis il-ħtiġijiet taż-żoni rurali remoti. L-għan tiegħi se jkun li niżgura li dan it-titjib ma jizvantaġġax lill-bdiewa tal-UE. .

Biex niżguraw li pajjiżi terzi jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-UE jew ma' rekwiżiti ekwivalenti, nistgħu nużaw l-istess approċċ bħal fil-qasam tal-benesseri tal-annimali waqt il-qatla. Abbażi ta' dik il-leġiżlazzjoni, il-laħam importat fl-UE jrid jiġi minn annimali skarnati f'kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk tal-UE u jrid ikun akkumpanjat minn ċertifikat tal-importazzjoni fejn l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-orijini

tikkonferma dawn il-kundizzjonijiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni twettaq awditi f'pajjiżi terzi tal-esportazzjoni biex tivverifika li jiġu applikati r-reqwiziti tal-UE jew reqwiziti ekwivalenti.

Nemmen li l-ħidma tal-Kumitat ANIT turi kif il-Parlament Ewropew jista' jipprovdi kontribut siewi għall-ħidma tal-Kummissjoni. Il-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni dwar it-trasport tal-annimali tinkorpora ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat. Pereżempju, din tinkludi limiti aktar stretti għat-trasport lejn il-biċċerija, regoli addizzjonali dwar it-trasport tal-klieb u tal-qtates u, għall-ewwel darba, dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-annimali akkwatiċi. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, il-konklużjoni tan-negożjati dwar din il-proposta se tkun prijorità għalija.